MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru 559/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**X**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom X, 48 sena, iben X u X nee' X, imwieled X nhar il-X u li joqghod X, detentur tal-karta ta' l-identita' nru. X.

Gie akkuzat talli nhar is-7 t'Ottubru, 2009, ghall-habta tas-6p.m., gewwa banka tal-lottu nru 58, kif ukoll barra l-istess banka tal-lottu, f'Telghet Gwardamangia, Pieta:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu w li kieku gie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Y u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Y kontra l-volonta' tieghu, liema persuna giet offiza fuq il-persuna taghha;

3. filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

4. hebb ghal Y w ikkagunalu griehi hfief ai termini ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skond ma ccertifikat Dr. Amanda Bartolo M.D. (med. reg. no. 3013);

5. talli fl-istess data w hin, u/jew qabel u/jew wara l-istess data w hin, f'dawn il-gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

Talli fil-lejl bejn il-11 u t-12 ta' Settembru, 2009, minn Triq Salvu Psaila, Birkirkara:

6. ikkommetta serq ta' vettura tal-marka Ford Fiesta, numru tar-registrazzjoni DAU357, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Z u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Talli fil-lejl bejn it-2 u t-3 t'Ottubru, 2009, minn Triq Mons. Innocenz Zammit, Msida:

7. ikkommetta serq ta’ par tarek tar-registrazzjoni bin-numru IAG257 minn fuq vettura Ford Fiesta ipparkjata, liema serq hu kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Y u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

Talli f’xi zmien bejn il-11 ta’ Settembru, 2009 u s-7 t’Ottubru, 2009, f’dawn il-Gzejjer:

8. sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f’xi dokument mahsub ghall-xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi biddel it-tarek tar-registrazzjoni ta’ vettura Ford Fiesta nru DAU357 ma par tarek misruqa minn fuq vettura ohra Ford Fiesta bin-numru IAG257, ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. ghamel uzu minn numru ta’ identifikazzjoni misruq, cioe’ IAG257, xort’ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-Awtorita’ dwar xi vettura bil-mutur partikolari, u dan ai terminu ta’ l-Artikoli 15(1A) tal-Kap. 65, Regolament tat-Traffiku, tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. aktar, talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi, u/jew wara, fil-kaz ta’ vettura nru. BAO243, f’dawn il-gzejjer, saq vetturi bin-numri tar-registrazzjoni BAO243 u DAU357 minghajr ma kien kopert b’polza t’assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;

Talli fis-7 t’Ottubru, 2009, ghall-habta tal-5.30p.m., mill-parkegg ta’ l-Isptar Mater Dei, f’Tal-Qroqq, limiti ta’ l-Imsida:

11. ikkommetta serq ta’ vettura tal-marka Ford Fiesta, numru tar-registrazzjoni BAO243, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro u seba’ w tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Y u/jew ta’ xi persuna/i ohra u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

12. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-marka Ford Fiesta, nru. BAO243, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u sitta w erbghin Euro u disa' u sittin centezmu (E1164.69), imma izjed minn mija u sittax il-Euro u seba' w erbghin centezmu ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Y u/jew ta' xi persuna/i ohra;

13. fl-ahharnett, akkuzat l-istess X talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri li fis-Seduta tat-3 ta' Settembru, 2013, qal:

"Xhud: Bongu Sur Magistrat, <u>jiena qed naghraf hawnhekk lil X u dan is-Sinjur ilu pazjent taht il-kura tieghi mill-inqas dawn l-ahhar tlettax (13) -il sena.</u> Huwa fil-fatt qabel ma kont nikkurah jien kien ukoll taht il-kura ta' Dr.

Anton late, Dr. Anton Mangion u kien qed jigi kkurat ghall-istess kundizzjoni li se niddeskrivi jien.

Is-Sur X ghandu tlett (3) problemi psikjatrici u medici illi se niddeskrivi wahda wara l-ohra. Number one hija l-kwistjoni ta' zokkor dik li nghidulha Insulin Dependant Diabetes Mellitus illi hija deskritta bhala brittle jigifieri daqqa z-zokkor joghla hafna u daqqa jitbaxxa hafna u jista' jkun kagun ta' raguni ta' konfuzjoni fl-istess persuna.

Minbarra hekk huwa jbghati minn Schizoaffective Disorder fejn is-sintomu, il-psikopatologija li tidher l-iktar prominenti hija Paranoid State fejn jibda jahseb li n-nies huma kontra tieghu u jagixxi b'mod biex jiddefendi lilu nnifsu meta jkun f'dan l-istat psikotiku.

It-tielet problema li ghandu hija l-kwistjoni ta' tehid ta' sustanza llecti u alkohol li jinkludi heroine, jinkludi cocaine u anke kif semmejt alkohol. Pero' din tal-ahhar jigifieri l-problema ta' sustanzi llacti nixtieq nirrapporta li hija xi haga illi jekk niddeskrivu jekk gietx it-tigiega jew il-bajda l-ewwel hija xi haga konsegwenza tal-mard psikjatriku tieghu. Fis-sens li huwa jipprova jikkura lilu nnifsu bis-sustanzi llecti biss dawn japprovokaw iktar sintomi milli kellu originalment.

Jien naf ukoll illi llum il-gurnata s-Sur X huwa fuq il-kotba tal-isptar, huwa fuq il-leave mill-isptar u huwa residenti ma' ommu. Issa kull darba li jkun mentalment stabbli jkun residenti m'ommu. L-ewwel sinjal li jidher illi qed ikollu relapse huwa fil-fatt meta jitlaq minn ma' ommu ghax jibda jehodha kontra ommu stess u dak huwa l-ewwel sinjal. Illum il-gurnata peress li qed naghtih medikazzjoni illi hija forma ta' injection nueroleptica l-istat tieghu huwa stabbli u nirrapporta ukoll illi t-tehid ta' droga mhix tintuza, jigifieri ghall-inqas dawn l-ahhar disa' (9) xhur dejjem kien clean.

Kull meta rajnieh fil-ward rounds dejjem kien evidenti illi ma kien hemm ebda sinjali ta' xorb alkoholiku u anke l-imgieba tieghu kienet tirrifletti illi l-psikozi kienet taht kontroll. Issa b'referenza ghal li urieni s-Sur Avukat,

is-Sur P.L. skuzani Mifsud Bonnici rigward l-incidenti msemmijin fit-two thousand and nine (2009) jiena nixtieq nikkonferma li dak iz-zmien is-Sur X kien fil-fatt taht il-kura tieghi u kien residenti gewwa l-isptar Monte Carmeli, biss kien jintbaghat bil-leave ghaliex il-policy tal-isptar hekk titlob u jidher ukoll illi kien hemm xi perjodu specjalment fid-disgha (9) jekk miniex nizbalja fid-disgha (9) ta' Settembru jew Ottubru tat-two thousand and nine (2009) illi dana kellu suppost jigi lura u ma giex lura u eventwalment sibnih b'sikkina fuq il-but tieghu u stat ta' paranojja qawwija. Dan imbaghad giet ikkontrollata imma nifhem ukoll illi f'dan il-perjodu kien hemm ukoll l-incidenti msemmijjin fl-akkuzi tallum.

Qorti: Inkwantu ghall-ammelljorament tieghu bhala kundizzjonijiet tipo semmejtli li jghix jirrisjedi m'ommu hemm xi rakkomandazzjonijiet .......?

Xhud: Iva fil-fatt jiena jkolli nghid illi jekk wiehed ikejjel naqra l-komportament tieghu li jirrifletti l-istat mentali tieghu dawn l-ahhar xhur l-istat mentali huwa stabbli u dana huwa relatat dirett mal-fatt illi llum il-gurnata ghandna forma ta' injection illi hija ahjar ghalih ghax hija xi haga gdida. It-tieni haga li huwa qed jghix m'ommu u t-tielet haga illi li jigi osservat regolari biex speci jkollu ta' xi hadd jikkontrollah. Issa jekk hux Probation Officer jekk hux l-isptar jikkontrollah u jkun jaf li hemm xi hadd qieghed fuqu tghinu biex hu ma jkollux dik il-biza' li jista' jaghmel li jrid ghaliex dak hemmhekk jidhol f'cirku vizzjuz meta jidba jhossu, meta tibda l-paranojja jibda jahseb li kullhadd kontra tieghu allura ma jrid imbaghad jaghti kaz lil hadd ghax kullhadd kontra tieghu, ghax kullhadd ikun kontra tieghu jibda jissusspetta hazin fihom, ghax jissusspetta hazin fihom jehodlok id-droga biex jipprova jnehhi dawn il-hsibijiet koroh u c-cirku vizzjuz nergghu nibdew mill-bidu u jkollna relapse. Imma llum il-gurnata nixtieq nikkonferma li peress li qed jehodha f'forma ta' injection u nsejhulu regolari ghaliha, rrid nghid li dejjem jigi ghaliha din il-problema tidher taht kontroll bhalissa.

Qorti: F'kaz illi l-imputat jinghata piena ta' prigunerija effettiva l-istat tieghu kliniku huwa kontraproducenti li jkun qieghed il-habs jew le?

Xhud: Il-fatt illi bhalissa qieghed taht kontroll tajjeb u l-fatt illi hija problema evidenti li gol-habs jezistu hafna sustanzi available u anke pressjoni biex tiehu certu sustanzi jiena nahseb tkun counter protective hafna illi jkun residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin specjalment meta l-fatt illi kieku wiehed jista' jghid illi forsi jista' jkun gol-Forensic Unit minn flok gol-Facilita' Korrettiva ta' Kordin pero' meta wiehed iqis illi l-Forensic Unit ghandha bed capacity ta' eighteen (18) people, eighteen (18) ...... u llum il-gurnata hemm qrib is-sittin (60) nahseb jien il-kwalita' ta' kura tista' tkun naqra dubbjuza x'kwalita' ta' kura jista' jinghata.

Pros: Forsi hemm oltre mill-piena ta' prigunerija huwa affidabbli bizzejjed biex jinghata treatment order fl-opinjoni tieghek?

Xhud: Iva bhalissa jkolli nghid illi peress jiena l-konkluzjonijiet miniex espert tal-Qorti hawn jiena xhud imma l-konkluzjoni tieghi mill-aspett psikjatriku mill-aspett professjonali l-fatt li ilu zmien twil iktar minn disa' (9) xhur iktar minn sena jidhirli jiena l-imgieba tieghu hija tajba u ma kellu l-ebda relapse u l-fatt li qed jiehu l-medicini ghalina dak huwa suggett success psikjatriku u li l-kundizzjoni tieghu qed tigi kkontrollata. Issa diment li ma jigri xejn hazin fis-sens illi ma jiehux droga allura rridu noqghodu attenti li ma jiehux droga b'hekk ikollna l-Probation Officer bhala xi hadd indipendenti li qed jassessjalu d-droga tieghu. Irrid nghid ma ghandux bzonn programm dan ghaliex il-programm ikun addattat ghal xi hadd li jkollu problema tad-droga bhala diagnosis primarja. Dana d-diagnosis primarja tieghu mhijiex ta' droga hija diagnosis ta' mard psikjatriku allura anzi dak jekk taghmlu go programm ikun ghar ghalih ghaliex peress li huwa dejjem susspettuz da natura jekk inti taghmlu f'setting ta' programm jispicca hazin ghax ikun iktar susspettuz. Minn naha l-ohra l-fatt illi l-istat mentali tieghu baqa' tajjeb ghal dan iz-zmien kollu jfisser illi

bhalissa forsi lhaqna dak li riedna nilhqu l-istat tieghu ta' stabbilita' u jkun hassra llum il-gurnata illi dana jinholoq zbilanc u l-affarijiet imorru hazin." (Sottolinjar tal-Qorti).

Rat l-artikoli 15(1A) tal-Kap. 65, l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(c)(e), 188, 215, 221(1) u (2), 261, 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 271(g), 274(d), 275, 277(b), 279(b), 280(2), 289 u 325(1)(b) u 533 tal-Kap. 9, l-artikoli 51(1), 51(2) u 55(a) tal-Kap. 480 u l-art. 3(1)(1A) 2(a) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tiddikjara li wara li ezaminat l-atti processwali u hawn taghmel senjatament referenza ghal dak li xehed il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri, (ara supra) hi tal-fehma li f'dan il-kaz jissussistu ragunijiet li jiggustifikaw li l-Qorti tpoggi lill-imputat X taht Ordni ta' Probation u dan ghal fini li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u li l-imputat ikompli jkun assistit b'kura psikjatrika u gwidat mill-Probation Officer li jkun gie assenjat lill-imputat.

Issib lill-imputat X, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat X taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u kif diga' intqal aktar qabel f'din is-Sentenza dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u li l-imsemmi imputat ikompli jkun assistit b'kura psikjatrika u gwidat mill-Probation Officer assenjat lill-imputat, difatti l-Qorti senjatament tirrakomanda lill-imputat X li jsegwi kura psikjatrika u assistenza professjonali tul il-perjodu kollu tal-Probation u inoltre tikkundanna lill-istess imputat X ghall-piena ta' elfejn u disa' mitt Ewro (Ewro 2,900) multa.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat X b'obbligazzjoni personali ta' elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma' Y ghal zmien sena millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat X sabiex fi zmien sentejn (2) millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' elfejn, erba' mija u erba' Ewro u sebgha u tletin

centezmi ta’ Ewro (Ewro 2404.37) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha hu esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. RB1.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat X milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar millum.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat X.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi X kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat X l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------